

li r-remissjoni parzjali tad-dazji mogħtija abbażi tal-imsemmi Artikolu 239 lil wieħed mill-kodebituri tista' tīgi invokata mill-kodebituri l-oħra kollha, b'tali mod li l-estinzjoni tad-dejn prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 233(b) tal-istess kodiċi tikkonċerna d-dejn fih innifsu u għaldaqstant teħles kll-kodebituri in solidum kollha mill-ħlas ta' dan tal-aħħar sal-limitu tal-ammont li għalih ingħatat ir-remissjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU C 113, 1.5.2010.

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sieba' Awla) tas-17 ta' Frar 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-321/10) (<sup>1</sup>)

**(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2007/2/KE — Politika ambjentali — Infrastruttura għall-informazzjoni ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) — Skambju u aġġornament ta' data f'format elettroniku — Traspożizzjoni inkompleta)**

(2011/C 103/15)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: J. Sénéchal, aġġent)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: T. Materne u M. Jacobs, aġġenti)

### Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta jew jikkomunika, fit-terminu previst, il-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, p. 1)

### Dispożittiv

(1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire), ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-imsemmja direttiva.

(2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 246, 11.9.2010.

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sieba' Awla) tat-3 ta' Frar 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-391/10) (<sup>1</sup>)

**(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2007/36/KE — Eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpanniji kkwotati — Nuqqas ta' traspożizzjoni kompleta fit-terminu previst)**

(2011/C 103/16)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braun u L. de Schietere de Lophem, aġġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: M. Jacobs u J.-C. Halleux, aġġenti)

### Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta jew li jinnotifika, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpanniji kkwotati (ĠU L 184, p. 17).

### Dispożittiv

(1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpanniji kkwotati, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.

(2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 274, 9.10.2010.